MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 305/2008/1

**Awditur Generali f'ismu proprju u f'isem
l-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika**

**vs**

**Adriana Fenech**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' Ottubru, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat ir-rikors pprezentat mir-rikorrenti nhar it-tmintax (18) t'Awwissu 2008 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' hamest elef tlett mija u erbgha u ghoxrin euro hamsa u disghin centesmu (€5,324.95) ekwivalenti ghal LM2,286 bl-imghax skond il-ligi

rapprezentanti s-salarju moghti lilha waqt *maternity leave*, liema ammont ghandu jigi rifuz wara n-nuqqas taghha li tadempixxi ruħha mal-ftehim kollettiv.

Rat ir-risposta ta’ Adriana Fenech fejn eccepiet is-segwenti:-

“1.Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti adempiet pjenament l-obbligi taghha taht il-ftehim kollettiv citat u dan billi s-*sick leave* li hija hadet qatt ma gie kontestat.

2.Illi ‘n oltre l-ftehim kollettiv japplika wkoll il-ligi u l-eccipjent jeccepixxi sekondarjament li ai termini tal-Ligi l-Awditur Generali m’ghandux dritt fil-ligi li jitlob ir-refuzjoni ‘n kwistjoni ndependentement minn dak li jista jkun stipulat fil-ftehim kollettiv.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Illi nhar id-dsatax (19) ta’ Jannar 2009 Dottor Refalo pprezenta affidavit ta’ Ian Rizzo, Senior Principal fi hdan in-National Audit Office, flimkien ma numru ta’ dokumenti u ddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq.

Dan ix-xhud jispjega illi l-intimata bdiet tahdem mal-ufficcju National Audit Office fl-ewwel (1) ta’ Lulju tas-sena 2003 fil-kapacita taghha ta’ Senior Auditor, u jghid l kienet lahqet il-grad li kien imiss bhala Principal Auditor fl-ewwel (1) ta’ Dicembru 2004. Imbaghad jispjega kif nhar l-ewwel (1) ta’ Novembru 2005 hija kienet applikat ghal erbatax il-gimgha *maternity leave* b’effett mill-erbatax (14) ta’ Dicembru 2005. In sostenn ta’ dan hija pprezentat certifikat mediku fejn kien indikat li t-twelid tat-tarbija taghha kien mistenni ghad-disgha w ghoxrin (29) ta’ Dicembru 2005. (vide dok A).

Din it-talba tal-*maternity leave* kienet giet approvata mill-Awditur Generali ta’ dak iz-zmien

is-Sur Joseph Galea. Jikkonferma li l-*maternity leave* inghata kif talbet l-istess intimata u cioe mill-erbatax (14) ta’ Dicembru 2005 u hamsa w ghoxrin (25) ta’ Marzu 2006. Jelabora u jghid li hija fil-fatt thallset il-paga kollha ghal tlettax il-gimgha (14.12.2005 – 14.03.2006) filwaqt li l-erbatax il-gimgha (15.03.2006 – 21.03.2006) hi ma thallsitx taghhom. Dan kien kollu skond il-ftehim kollettiv tal-Ufficcju kif ukoll in sostenn ta’ dak li tghid il-Ligi Industrijali. (vide Dok B).

Ix-xhud Ian Rizzo jghid li waqt il-*maternity leave* l-intimata applikat biex tiehu sena *parental leave* bla hlas. Din giet approvata fit-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Marzu 2006 u dan il-perijodu ta’ *parental leave* bla hlas beda mis-sehh mit-tmintax (18) t’ April 2006 sas-sbatax (17) t’April 2007. (Dok C). Meta spiccat il-*parental leave* l-intimata dahlet lura ghax-xoghol fit-tmintax (18) t’April 2007 u bejn it-tnejn (2) ta’ Mejju 2007 u t-tmintax (18) ta’ Mejju 2007 hi harget bis-*sick leave* ghax kellha taghmel operazzjoni. Dahlet lura ghax-xoghol fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Mejju 2007 izda ftit wara fis-siotta w ghoxrin (26) ta’ Lulju 2007 regghet harget fuq *sick leave* fit-tul u minghajr tmiem. Skond ic-certifikat esebit u mmarkat bhala Dok. D w ir-raguni ghas-*sick leave* kienet minhabba kundizzjoni psikologika li l-psikjatra Dr. Joseph Cassar iddeskriva bhala “*mixed anxiety and depressive disorder.”*

In segwitu jghid ix-xhud li fl-erbgha w ghoxrin (24) t’ Awwissu 2007, waqt li l-intimata kienet qed taghmel uzu minn dan is-*sick leave* fit-tul u minghajr tmiem, tat lil-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika notifikazzjoni tar-rizenja taghha. Fl-ittra tar-rizenja hi infurmat lill-Ufficcju li skond il-fehma taghha, l-ahhar gurnata skond il-Ftehim Kollettiv hija l-ghaxra (10) t’Ottubru 2007. Fl-ittra taghha pero raguni ghar-rizenja ma kienx hemm.

L-Awditur Generali laqa' r-rizenja u t-talba tal-intimata li tibqa tithallas sal-ahhar gurnata li hija kienet obbligata tahdem, alavolja kienet qed taghmel uzu minn *sick leave* fit-tul u minghajr tmiem. Madankollu f'ittra li baghat lill-intimata Micallef datata tmintax (18) ta' Settembru 2007, l-Awditur Generali gibed l-attenzjoni tal-intimata li skond il-Ftehim Kollettiv (Dok G) impjegati li jaghmlu uzu minn *maternity leave* bil-hlas, huma obbligati li jahdmu perjodu kontinwi ta' sitt xhur wara li jidhlu lura ghax-xoghol mill-*maternity leave*. Jekk l-impjegata ma tahdimx dan il-perjodu ta' sitt xhur u tabbanduna jew tirrizenja mix-xoghol minghajr raguni valida, allura dik l-impjegata tkun obbligata li trodd lura lill-Ufficcju l-paga li kienet thallset waqt il-*maternity leave*. Issa peress li l-intimata hadmet biss tmienja u tlettin gurnata (Dok H) fil-perjodu li rritornat ghax-xoghol, u peress li ma tat ebda taguni valida ghalfejn irrizenjat mill-ufficcju, l-Awditur Generali f'din l-ittra msemmija, talab l-ammont ta' LM2,286.21 bhala paga li thallset waqt il-*maternity leave*. Din is-somma hi ekwivalenti ghal €5,325 (Dok I).

Jikkonferma li l-Ufficcju tan-National Audit baghat diversi ittri sabiex jirkupra l-ammonti dovuti lilu izda dawn baqghu bla risposta.

Jikkonkludi billi jghid li nel frattemp l-intimata thallset l-ahhar paga sal-wiehed w ghoxrin (21) t'Ottubru 2007 bil-*bonuses* inkluzi. Din kienet l-ahhar gurnata skond il-kalkoli ta' dak l-Ufficcju mindu tmien gimghat ghaddew wara d-data tan-notifiazzjoni tar-rizenja. Ta' min jghid ukoll li hija thallset sal-ahhar gurnata avolja ghamlet perjodu sostanzjali fuq is-*sick leave* wara li rritornat mill-*maternity* u *parental leave.*

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu 2009 deher Dottor Gianfranco Gauci u pprezenta nota b'zewg dokumenti fosthom ittra bonarja datata hamsa (5) ta' Novembru 2007 li giet immarkata bhala Dok.

AF 1 u Ftehim Kollettiv datat erbatax (14) ta' Marzu 2005 gie mmarkat bhala Dok. AF 2.

Illi nhar id-disgha w ghoxrin (29) t'April 2009 xehdet l-intimata **Adriana Fenech** u spjegat li qabel ma hadet il-*parental leave* kienet talbet sabiex wara l-*maternity leave* terga tidhol ghax-xoghol bir-*reduced hours* pero ma nghatatx din il-fakolta. Ghalhekk wara il-*maternal leave* hadet sena *parental leave* ghaliex ma setghetx tahdem *full time* imbaghad wara l-*parental leave* tghid li dahlet ghax xoghol u ghamlet sitt xhur. Tghid li darba minnhom waqt dawn is-sitt xhur hija kellha bzonn taghmel operazzjoni u kellha tohrog bis-*sick leave* ghal gimghatejn u sussegwentement kellha xi problem medici u kienet ipprezentat certifikat mediku u regghet kellha tohrog bis-*sick leave*, fil-fatt tghid li kieku obdiet it-tabib kienet ilha li harget bis-*sick leave*.

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-fatti specie tal-kaz ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u dan qed jinghad fir-rigward tal-granet li l-intimata hadet bhala *maternity leave, parental leave,* u *sick leave*. Dwar id-dati tax-xoghol kif elenakti mix-xhud Ian Rizzo fl-affidavit tieghu, ma jidhrux li huma kontestati. Il-kawza tippernja fuq il-fatt jekk l-intimata hadmitx ghal perjodu minimu rikjest mill-ligi ta' sitt xhur wara li dahlet lura ghax-xoghol wara il-*parental leave*.

Illi l-Qorti tibda biex taghmel referenza ghall-**Artikolu 42 tal-Kap 452** li tipprovdi x'ghandu jsir f'kaz li il-kundizzjonijiet tal-impieg ikunu anqas favorevoli fil-Ftehim Kollettiv minn dawk provduti bil-ligi.

L-Artikolu 'n kwistjoni jipprovdi is-segwenti:-

"*Jekk mhux f'kaz kif provdut xort'ohra b'dan l-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-principal*

*tieghu jew ftehim kollettiv bejn l-principal u r-rapprezentanti maghrufin tal-Union, jipprovdi ghal xi kundizzzjoni t'impieg inkluzi kundizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fi jew taht l-Att, dawn ghandhom ikollhom effett daqslikieku minflok dawk il-kundizzjonijiet li huma ferm anqas favorevoli ghall-impjegat kien hemm imdahhla l-kundizzjonijiet specifikati fi jew taht l-Att…."*

Ghalhekk in breve jigi definit illi fejn il-ligi tipprovdi ghal kundizzjonijiet aktar favorevoli ghall-impjegat mill-kuntratt tal-impieg tieghu jew mil-Ftehim Kollettiv, jew vice cersa, japplikaw dejjem il-kundizzjonijiet aktar favorevoli ghall-impjegat.

Ghalhekk wiehed issa ghandu jara x'kien ighid il-Ftehim Kollettiv f'kaz ta' temm t'impieg u dik li tipprovdi l-ligi sabiex il-Qorti tara jekk il-fatti tal-kaz jinkwadrawx ruhhom fid-decizjoni mehuda mill-intimata li ttemm l-impieg taghha.

Illi kif tajjeb osservaw il-partijiet l-paragrafu appikabbli ghad-disput huwa l-paragrafu bit-titolu " *refund of wages on Termination of Service*" li jifforma parti mill-klawsola 39 u jinsab f'pagna 30 tal-Ftehim Kollettiv.

Dan jipprovdi s-segwenti:-

"*An employee who has been granted paid maternity leave is required to work for an uninterrupted period of (6) months. An employee who fails to resume duty at the expiration of maternity leave or of the further period of absence referred to in the preceeding  sub paragraph or who having resumed work resigns or abandons her employment without sufficient cause within six months from the date of such resumption shall be liable to pay the NAO a sum equivalent to the sum received during the maternity leave. These six (6)*

*months may be worked either before or after the utilization of parental leave on no pay."*

*Ghalhekk dan il-paragrafu jipprovdi ghal zewg cirkostanzi meta ghandu ikun hemm refuzjoni tal-pagi imhalsa u cioe meta impjegat ma jirritornax ghax xoghol meta jghalaq iz-zmien tal-maternity leave jew il-leave indikat fis-sub artikolu precienti jew / u meta l-impjegat ikun mar lura ghax-xoghol u jabbanduna l-istess fi zmien sitt xhur minghajr raguni gusta . Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-intimat irritornat lura ghax-xoghol pero m'ghamlitx l-uninterrupted period ta sitt xhur kif rikjest mill-ligi izda qabdet u irrizenjat sic et simplicite skond ittra datata 24 ta; Awwisu 2007 iffirmta minnha.*

Issa l-Artikolu tal-Ligi u cioe l-**Artikolu 20 tal-Kap 452** jipprovdi is-segwenti:-.

"*Meta impjegata ma tergax tidhol ghax-xoghol kif provdut fis-sub artikolu ta' qabel dan l-artikolu, jew, wara li tkun hekk regghet bdiet ix-xoghol tabbanduna s-servizz tal-principal taghha, minghajr raguni tajba u bizzejjed fi tmiem sitt xhur mid-data li fiha tkun hekk regghet bdiet, din tkun obbligata bla hsara ghal kull obbligu iehor taħt dan l-Att li thallas lill-Principal somma li tkun daqs il-pagi li rceviet matul il-leave tal-maternita."*

Illi ghalhekk jirrizulta li bejn il-Ftehim Kollettiv u l-Ligi ma hemm l-ebda differenza w it-tnejn jipprovdu li jekk impjegat wara li jkun ha l-*maternity leave* u *parental leave,* ma jaghmilx sitt xhur ta' xoghol, ikun obbligat li jirrifondi lura l-flus li jkun irceiva matul dak il-*leave* ta' maternita.

Din hija it-tezi tar-rikorrenti ghaliex fil-fehma tieghu l-intimata hadet il-*maternity leave* imbaghad il-*parental leave* regghet dahlet ghax-xoghol hadet xi *sick leave* u imbaghad b'semplici ittra kif fuq indikata hija ghazlet li twaqqaf l-impieg taghha. Minn ezami tad-dokument mibghuta minnha lid-

dipartiment tal-NAO fol. 19 ma jirrizultax li effettivament l-intimata tat xi raguni ghaliex kienet ser tieqaf mill-kariga w impieg taghha.

Illi ma hemmx dubbju li z-zmien li l-intimata ghamlet fuq *sick leave* wara il-*parental leave* m'ghandux jitqies bhala parti miz-zmien lavorattiv li hija ghamlet u zgur li m'ghandhomx jitqiesu bhala zmien ta' xoghol lavorattiv ai fini tas-sitt xhur rikjest mill-ligi. Il-ligi juza il-kliem li impjegat ghandu jidhol ghax-xoghol u ma jghidx li ghandu jibqa hekk impjegat. Illi granet ta' *sick leave* zgur li ma jammontax ghall-granet lavorattivi.

Ghaldqstant il-Qorti qieghda tilqa it-talba attrici filwaqt li tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-intimata u tordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti is-somma ta' hamest elef tlett mija erbgha u ghoxrin euro u hamsa u disghin centesmu euro (€5324.95).

L-ispejjez u l-imghax ghandhom jithalsu mill-intimata skond il-ligi."

Bl-appell taghha l-konvenuta tobbjetta ghal din is-sentenza bl-aggravji f'din l-ordni:-

1. Il-fatt li ghal darbtejn f'perijodu ta' sitt xhur hi harget fuq *sick leave* ma kellux jigi mill-ewwel Qorti interpretat bhala abbandun mill-impjieg ai termini tal-ligi. F'kull kaz ir-rizenja taghha minn dak l-impjieg sehhet wara gheluq is-sitt xhur mir-ritorn taghha ghax-xoghol;

2. Bil-kontra ta' dak li jinghad fil-Ftehim Kollettiv, il-ligi ma tipprovdix illi x-xoghol kellu jkun wiehed kontinwu;

3. Hi kienet intitolata anke fit-termini tal-Ftehim Kollettiv ghal *sick leave* fit-tul;

4. La rrizenjat wara s-sitt xhur ma kellhiex ghalfejn tipprovdi raguni. F’kull kaz, hi kellha raguni valida hafna ghal dik ir-rizenja mill-impjieg;

5. Granet ta’ *sick leave* huma granet lavorattivi anke ghall-finijiet u effetti kollha ta’ l-Artikolu 36 (20) ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, u, anzi, kellhom jitqiesu bhala granet ta’ *leave* normali;

Il-kwestjoni principali devoluta bl-appell tikkoncerna l-korretta interpretazzjoni ta’ l-Artikolu 36 (20) ta’ l-Att imsemmi li jipprovdi illi “meta impjegata ma tergax tidhol ghax-xoghol kif provdut fis-subartikolu ta’ qabel dan, jew, wara li tkun hekk regghet bdiet ix-xoghol tabbanduna s-servizz tal-principal taghha, minghajr raguni tajba u bizzejjed fi zmien sitt xhur mid-data li fiha tkun hekk regghet bdiet, din tkun obbligata, bla hsara ghal kull obbligu iehor taht dan l-Att, li thallas lill-principal somma li tkun daqs il-pagi li rceviet matul il-*leave* ghall-maternita`”;

Huwa utli li jigu qabel kollox registrati dawn il-fatti u dati l-aktar rilevanti:-

1. B’ittra ta’ l-1 ta’ Novembru, 2005 (fol. 12) l-appellanti, impjegata man-National Audit Office, applikat ghall-*maternity leave* ta’ erbatax-il gimgha, sopportat bic-certifikat mediku okkorrenti (fol. 13), skond kif mahsub bl-artikolu 39 tal-Ftehim Kollettiv u l-ligi (ara Avviz Legali 439/2003);

2. Eghluq dak il-*leave* l-appellanti applikat ghal sena *parental leave* bla hlas. Ukoll dan il-*leave* gie approvat mill-principal kif konfermat b’ittra tat-28 ta’ Marzu, 2006 (fol. 15). Iz-zmien ta’ dan il-*leave* beda jghaddi mit-18 ta’ April, 2006;

3. Fit-18 ta’ April, 2007 l-appellanti rritornat lura ghax-xoghol izda bejn it-2 ta’ Marzu u t-18 ta’ Mejju harget bis-*sick leave* ghax kellha bzonn taghmel operazzjoni;

4. Fil-21 ta' Mejju, 2007 dahlet lura ghax-xoghol izda fis-26 ta' Lulju, 2007 harget fuq *sick leave* presumibilment ghar-ragunijiet indikati fic-Certifikat bl-istess data tal-konsulent psikjatra Joseph Cassar (fol. 16). Dan il-konsulent irrakkomanda li l-perijodu tas-*sick leave* ghandu jkun ta' erba' (4) gimghat; l-istess rakkomandazzjoni giet ribadita f'certifikati medici sussegwenti datati 23 ta' Awissu 2007 (fol. 17) u 20 ta' Settembru, 2007 (fol. 18);

5. Fil-frattemp l-appellanti, permezz ta' ittra datata 24 ta' Awissu 2007 (fol. 19) baghtet tavza lill-attur, principal taghha, li kienet qed tirrizenja mill-impjieg u li dan kellu jkopri l-perijodu tan-*notice* ta' tmiem (8) gimghat bejn is-27 ta' Awissu, 2007 u d-19 ta' Ottubru, 2007;

6. L-attur wiegeb ghal din l-ittra b'missiva responsiva datata 18 ta' Settembru 2007 (fol. 20) u fejn informa lill-appellanti li kien qed jilqa' r-rizenja taghha u l-avviz tat-temm ta' impjieg u, inoltre, li kien ser ihallasha dak dovut lilha sa l-ahhar gurnata ta' impjieg (21 ta' Ottubru, 2007) flimkien mal-*bonus* tal-Gvern u *vacation leave* li kien ghadu ma ttiehedtx. Barra minn hekk l-attur fakkar lill-appellanti illi, la darba hi ma adempietx ruhha mat-termini ta' l-artikolu 39 tal-Ftehim Kolletiv, hi kienet obbligata tirrifondi l-hlas tal-pagi li rceviet matul id-durata tal-*leave* ghall-maternita`;

Premessi dawn l-elementi ta' fatt, jidher li l-kwestjoni l-aktar fundamentali devoluta b'dan l-appell tirriverti fuq il-konsiderazzjoni dwar jekk il-konvenuta appellanti, ammess li rritornat lura ghax-xoghol wara t-temm tal-*maternity* u tal-*parental leave*, ottemperatx ruhha mad-dettami ta' l-Artikolu 39 tal-Ftehim Kollettiv. Senjatament il-parti introduttiva tal-paragrafu intestat "Refund of Wages on termination of service" li tghid illi "*an exmployee who has been granted paid maternity leave is required to work for an uninterrupted period of (6) six months*". Ta' min josserva illi l-kumplament ta' dan il-paragrafu hu riproduzzjoni tat-test tal-ligi fl-Artikolu 36 (20), aktar 'il fuq riprodott;

Issa fid-dibattitu tal-kaz quddiem l-ewwel Qorti insorgiet il-problematika jekk il-fattispeci tal-kaz kellhomx ikun regolati skond id-dettami tal-Ftehim Kollettiv jew, invece, skond il-vot tal-ligi fl-Artikolu 36 (20). Fil-kuntest sar riferiment ghall-Artikolu 42 ta' l-Att li, essenzjalment, jipprovdi illi jekk il-kondizzjonijiet ta' kuntratt ta' servizz jew ftehim kollettiv ikunu anqas favorevoli ghall-impjegat mill-kondizzjonijiet ta' l-Att, huma dawn ta' l-ahhar li ghandhom jipprevalu u jigu moghtija effett. Filwaqt li dan gie hekk ukoll rikonoxxut mill-ewwel Qorti, din, imbaghad, ghaddiet biex, fuq il-komparizzjoni taghha bejn it-test tal-Ftehim Kollettiv u l-vot tal-ligi, finalment tiddikjara illi l-ebda divergenza ma kienet tezisti bejniethom. Ghandu jinghad li din il-konkluzjoni mhix kondiviza minn din il-Qorti;

Indubitament, kif gja minn din il-Qorti ritenut drabi ohra, il-Ftehim Kollettiv li jiddixxiplina b'mod generali r-rapporti tax-xoghol ta' katergorija ta' haddiema bl-intervent tal-Union li tirrapprezentahom "huwa kuntratt importanti hafna mhux biss ghall-kontenut tal-kondizzjonijiet tax-xoghol pattwiti fih imma, ghaliex, fundamentalment, dawk l-istess kondizzjonijiet u d-dixxiplini l-ohra tieghu ghandhom jitqiesu r-regoli ta' gudizzju li jridu jigu assunti meta tinsorgi xi kwestjoni jew problema bejn l-interessati" ("**Joseph Silvio -vs- Corinthia Palace Hotel Company Limited**", Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009. Ara wkoll "**Albert Attard *et* -vs- Korporazzjoni Enemalta**", Prim' Awla, Qorti Civili per Imhallef Joseph Zammit McKeon, 30 ta' Novembru 2009, fejn din is-silta giet b'approvazzjoni abbraccjata). Fil-kaz partikolari l-Ftehim Kollettiv jiddixxiplina, kif gja manifest, illi impjegata li tkun uzufruwiet minn *maternity leave* ghandha b'obbligu, ghall-evitar tas-sanzjoni, tahdem ghall-perijodu ininterott ta' sitt xhur. Din il-kondizzjoni mhix provvduta fl-Artikolu 36 (20) u mkien ma jissemma fih illi l-impjegata ghandha tassattivament tahdem ghaz-zmien statutorju ta' 6 xhur b'mod ininterrott. Jikkonsegwi illi l-opzjoni ta' l-ewwel Qorti kellha tkun favur it-test tal-precitat artikolu tal-ligi in kwantu dan hu aktar favorevoli ghall-impjegata;

Ipprecizata din il-qaghda, jidher li l-predett l-Artikolu 36 (20) jistabilixxi zewg aspetti ta’ rilevanza:-

1. Il-mankanza mill-impjegata li tirritorna ghax-xoghol jew, fil-kaz li terga` tidhol, li tabbanduna s-servizz fi zmien sitt xhur mid-data li fiha tkun regghet bdiet ix-xoghol;

2. L-obbligazzjoni tar-radd lura mill-impjegata tal-pagi ricevuti matul il-*leave* ghall-maternita` jekk jinstab li dak l-abbandun taghha kien minghajr raguni tajba u bizzejjed.

L-ABBANDUN

Esposti dawn l-aspetti, l-ewwel indagini li jokkorri ssir jirrigwarda l-fattur “abbandun” in korrelazzjoni mal-kwestjoni tas-*sick leave*. Hemm qbil ma’ l-affermazzjoni ta’ l-appellanti illi z-zmien ta’ *sick leave* matul il-perijodu tas-sitt xhur ma jikkostitwix dak l-abbandun li kapaci jiffrustra r-rapport tax-xoghol. Jinghad a propozitu mill-awtur **Norman Selwyn** (“**Law of Employment**”, 15th Edition, 2008, Oxford University Press, para. 17.56 pagna 414) illi f’kaz ta’ mard “*the mere absence from work, even for a long time, will not automatically constitute frustration*” (ara “**Maxwell -vs- Walter Howard Designs Ltd” (1975)**. Xi haga simili jinghad ukoll mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (**2000 Numru 2170**) meta osservat b’mod generali f’kaz ta’ rizenja illi l-kondotta tal-haddiem “*consistente nell’abbandono del posto di lavoro non può, di per sè solo, avere il significato di una dichiarazione tacita di recesso, ma devono risultare anche ulteriori circostanze di fatto confermative dell’intento del prestatore di recedere dal rapporto*”;

Maghdud dan, huwa b’danakollu ugwalment accettat illi “*if it is clear that on the medical evidence the employee is unlikely to return to work for a considerable time, then*

*there must come a point at which the employer is entitled to decide that the employee will not be returning to work, and consequently treat the contract as being frustrated*." (para 17.57 ta' l-opra citata ta' Sylwyn). Ara dwar il-kriterji solitament adoperati f'kazijiet bhal dawn, sentenzi fl-ismijiet "**Egg Stores (Stamford Hill) Ltd -vs- Leibovic" [1977]** u **"Williams -vs- Watsons Luxury Coaches Ltd" [1990]**. Fi kliem iehor, filwaqt li t-tul tas-*sick leave* ma jipproducix ir-rizoluzzjoni awtomatika tar-rapport, jista' pero` jaghti lok ghad-dritt ta' recess skond id-disposizzjonijiet generali. Hija din ix-xelta li fil-kaz in ezami u in bazi ghall-marda taghha optat ghalih l-appellanti bir-rizenja taghha.

IL-FATTUR ZMIEN

Sija l-ligi [Artikolu 36 (20)], sija l-Ftehim Kollettiv (artikolu 39) jistabilixxu perijodu ta' 6 xhur f'liema l-impjegata trid tippresta x-xoghol taghha ghal principal wara li jintemm il-*maternity leave*. Gja gie osservat illi l-provvediment tal-ligi mkien ma jsemmi illi dak il-perijodu jrid ikun wiehed ininterrott, kif hekk bil-kontra jipprovdi l-Ftehim Kollettiv, u allura ghandu jkun presuppost illi fil-previzjoni tal-ligi dak il-perijodu jista' wkoll ma jkunx wiehed kontinwu ta' hidma effettiva, kif hekk inhu sottintiz mil-istess provvediment tal-ligi fl-Artikolu 36 (20). L-importanti hu, fil-hsieb ta' din il-Qorti, illi l-impjegata tippresta lill-principal taghha xoghol effettiv f'perijodu ta' zmien li, komplessivament, jekwivali ghal sitt xhur;

Hu l-argument ta' l-appellanti illi s-*sick leave* minnha mehud fil-perijodu wara li rritornat lura ghax-xoghol mill-*maternity* u l-*parental leave* kellu jigi komputat ghal fini ta' l-ottemperanza taz-zmien ta' 6 xhur li ssemmi l-ligi. Ma' dan l-argoment din il-Qorti rispettosament ma taqbelx. Dawk il-granet ta' *sick leave* mehuda mill-appellanti kienu certament jikkostitwixxu sospensjoni taz-zmien statutorju utli tas-6 xhur u, ghaldaqstant, ghall-iskop ta' l-Artikolu 36 (20) ma kellhomx jigu hekk kalkolati. Dan ghaliex, skond l-espressjoni tal-fehma predetta mill-Qorti, dak il-perijodu

ta’ zmien jikkontempla prestazzjoni effettiva mill-impjegata biex ipatti ghall-ghoti, anke jekk legalment obbligatorju, tal-hlas tal-pagi matul id-durata tal-*maternity leave* in kwantu *leave* ghal kollox specjali u partikolari. Mod iehor, il-*mens legislatoris* wara l-imsemmi artikolu jigi ghal kollox stultifikat;

Naturalment, ma jistax, in via generali, jkun disputat illi kemm meta tkun fuq *maternity leave*, kemm ukoll meta tkun fuq *sick leave*, ghal liema hi dejjem intitolata, l-impjegata titqies li ghadha fl-impjieg, b’mod li hi tissokta tibbenefika mid-drittijiet u l-beneficcji uzufruwiti minn impjegati ohra fl-istess klassi jew kategorija. Jinghad difatti mis-**Selwyn (*Op. Cit.* para. 17.87)** “*if she is sick at the end of her maternity leave she is entitled to be treated in the same way as any other employee who is offwork sick*”. Dan hu bil-wisq logku in kwantu, altrimenti, jekk hi tkun soggetta ghal trattament divers dan jista’ jaghti lok ghal kondotta diskriminatorja fil-konfront taghha u dan la hu permissibbli u, wisq anqas, lecitu. Li dan ma huwiex hekk f’dan il-kaz hu spjegat mill-fatt illi l-appellanti thallset sa l-ahhar gurnata, avolja ghamlet perijodu sostanzjali fuq *sick leave* wara li rritornat mill-*maternity* u l-*parental leave.* (Ara *in calce* l-Memorandum ippreparat minn Ian Rizzo, Senior Principal (Finance & Administration fl-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika esebit a fol. 10 tal-process);

Rigwardata taht dan il-profil is-sentenzi tal-Qorti Ewropeja citati mill-appellanti fl-appell taghha u li kienu maggorment jitrattaw mill-intitolar ghall-*annual leave* u l-hlas ta’ l-istess, ma jistghux, strettament, ikunu ta’ assistenza, jekk mhux forsi biex jigi sottolinejat il-punt illi l-appellanti setghet dejjem tippartecipa u tuzufruwixxi mid-dritt taghha ghas-*sick leave,* ukoll jekk, precedentement, tkun gawdiet mid-dritt ghall-*maternity leave.*

RAGUNI TAJBA u BIZZEJJED

Premessi s-suesposti riflessjonijiet l-investigazzjoni li jmiss li ssir tinvolvi l-konsiderazzjoni jekk l-appellanti kellhiex verament raguni tajba u bizzejjed biex tevita s-sanzjoni tal-ligi u specifikament, dak tal-kostringiment li hi tirrimborsa lura lill-attur, principal taghha, “somma li tkun daqs il-pagi li rceviet matul il-*leave* ghall-maternita`” [Artikolu 36 (20)];

Innegabilment, ghal-leggittimazzjoni ta’ l-abbandun l-appellanti riedet dejjem tipprova, u tikkonvinci wkoll, li kellha raguni valida u gustifikata. Jekk allura c-cirkustanzi fattwali jwasslu fil-kaz partikolari ghall-konferma ta’ raguni bhal dik, ukoll jekk implicita, wiehed ikollu, logikament, jadotta l-veduta, illi l-motivi kienu sufficjentement kompleti, f’liema kaz ma tigix attivata s-sanzjoni penalistika espressa kemm fil-ligi kif ukoll fil-Ftehim Kollettiv. Dan huwa hekk in kwantu l-motiv gustifikat jassumi dik il-kwalifikazzjoni guridika idoneja li tillegittima r-rizenja anke fil-perijodu statutorju utli tas-sitt xhur, u li tigi evitata s-sanzjoni;

Issa l-espressjoni “<u>raguni tajba u bizzejjed</u>”, ghal liema jirreferi l-Artikolu 36 (20), hi askrivibbli ghat-tipologija ta’ dak il-modulu generiku wzat mill-Att (Kapitolu 452) f’disposizzjonijiet ohra tieghu. Ad ezempju, l-Artikolu 36 (14) fil-kaz ta’ licenzjament ta’ l-impjegat jew tad-dimissjoni tieghu. Stharrig ta’ dan l-Artikolu kien sar minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kaz fl-ismijiet “**Cavendish Hotels Limited -vs- Jesmond Beck**”, deciz fit-23 ta’ Novembru 2005. Ghal dak li jiswa, fih gew ravvizati l-konsiderazzjonijiet segwenti:-

(1) “Konsimili ghal kaz ta' licenzjament, ir-rizenja volontarja mis-servizz, u allura r-recess mill-kuntratt ta' impjieg, huma marbuta mal-principju tal-kawza gusta, .... Naturalment din il-kawza gusta jew raguni tajba trid tigi rigorozament pruvata minn min jadduciha bhala liberazzjoni mill-konsegwenzi li ssemmi l-ligi; f' dan il-kaz, il-konvenut-impjegat. Naturalment ukoll, l-accertament relattiv hu affidavit lill-gudikant u dan ghandu jinvestiga u

jevalwa jekk l-addebitu ventilat mill-konvenut ghandux verament riskontru fir-realta` jew huwiex semplici pretest biex il-konvenut jehles mill-obbligu kuntrattwali u legali tieghu”;

(2) “fir-"raguni tajba" jirrientraw fatti kemm soggettivi kif ukoll objettivi. Kull valutazzjoni dwarhom trid issir b' riferiment ghal dawk l-aspetti konkreti, kollegati man-natura tar-rapport singlu, ... u l-portata soggettiva tal-fatt innifsu, ossija c-cirkostanzi verifikati fil-motivi u l-intensita` taghhom ...”;

Fil-fattispeci, l-appellanti kellha problemi medici ta’ indoli psiko-socjali li kkostringewha tohrog fuq *sick leave* u, ultimament, li anke tirrizenja mill-impjieg. Ara xhieda taghha a fol. 88 u d-diversi certifikati medici esebiti minn fol. 16 sa fol. 18. L-attur appellat ma kkwerelax is-sintomi kif allegati f’dawn ic-certifikati medici. Invece, huwa kkampa t-tezi tieghu ta’ assenza ta’ raguni tajba ghaliex fl-ittra taghha ta’ l-24 ta’ Awissu, 2007 l-appellanti ma pprovdiet ebda raguni ghar-rizenja taghha;

Huwa opportun illi in mertu l-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet li gejjin:-

1. In linea ta’ principju, rizenja ta’ haddiem mill-impjieg tirrapprerzenta ezercizzju ta’ dritt potestattiv. L-appellanti setghet taghmel dan anke minghajr ma tavvanza raguni li kieku hi rrispettat it-trapass taz-zmien utli ta’ 6 xhur preskritt mill-provvediment. Una volta dan ma kienx hekk il-kaz hi kienet tenuta ggib prova ta’ xi kawza gusta biex tirrecedi mill-kuntratt. Fil-kaz in ezami din il-kawza gusta giet offerta permezz ta’ l-imsemmija certifikati medici. Trattasi ta’ raguni ta’ natura medika mhux ghal din il-Qorti li tiddisputa dik ir-raguni, anke ghaliex il-kontro-parti ma ressqet ebda prova jew sottomissjoni kuntrarja li kapaci tqieghed fid-dubju dik ir-raguni supplita mill-appellanti;

2. Huwa veru li l-ittra ta' rizenja mibghuta mill-appellanti ma ssemmix espressament dik l-istess raguni medika, u, anzi, hi karenti minn xi raguni ohra. Daqstant iehor huwa ugwalment veru wkoll illi l-attur kien diga` a konoxxenza ta' l-istat ta' sahha psikologika ta' l-appellanti in kwantu huwa kellu *"on record"* ic-certiifkat mediku taghha datat 26 ta' Lulju, 2007. Barra minn hekk huwa kellu wkoll ic-certifikat mediku tat-23 ta' Awissu 2007 u li kien jipprecedi b'gurnata l-avviz tar-rizenja taghha ta' l-24 ta' Awissu, 2007. Certifikati dawn li gew sahansitra esebiti mill-istess attur appellat flimkien ma' dokumenti ohra fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2009, u allura mhux lanqas presumibbli illi l-attur kien sajjem minn dik ir-raguni medika li tinzel minn dawk ic-certifikati;

3. Evidentement, l-ewwel Qorti naqset milli tesplora kif imiss din it-tema u li, fil-parametri tas-subiciz (20) ta' l-Artikolu 36 ghandha, ghas-sens ta' l-interpretazzjoni guridika korretta tal-fattispeci, u dik tal-gustizzja, l-importanza centrali taghha ghas-sostenn tad-difiza ta' l-appellanti. Huwa, ghaldaqstant, il-kaz li din il-Qorti tallontana ruhha mir-ragonament u l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-konvenuta appellanti, tirrevoka s-sentenza appellata, u, konsegwentement, tirrigetta d-domanda ta' l-attur *proprio et nomine* kontenuta fl-Avviz. Huwa xieraq fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz illi l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew fi proporzjon indaqs mill-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------